**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 50/18 CZ**

**Spiridione Buttigieg u martu Antonia Buttigieg**

**vs**

**Avukat Dr. Lawrence Galea bhala prokuratur tal-assenti Lorry sive Lawrence Gatt**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fl-24 ta' Jannar 2018 u li permezz taghha talab minghand il-konvenut nomine l-hlas ta' elfejn, disa' mija u dsatax-il Euro u sebgha u tmenin centezmu (€2,919.87) u ppremetta illi:

Peress li l-esponent attur bhala prokuratur tal-assenti Teresa Gatt illum mejta ghamel snin twal jiehu hsieb il-propjeta' u l-ammistrazzjoni ta' gidha, huwa talab il-

hlas ta' dan kollu flimkien ma' l-ispejjez li sborza u dana skond il-konteggi li ghamel jammontaw ghal elfejn, disa' mija u dsatax-il Euro u sebgha u tmenin centezmu (€2,919.87).

Peress li l-imsemmi Lorry Gatt bhala werriet ta' l-imsemmija decujus qieghed jirrifjuta li jhallas dan.

Jghid il-konvenut ghaliex ma' ghandux jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, disa' mija u dsatax-il Euro u sebgha u tmenin centezmu (€2,919.87) li jirraprezentaw l-hlas tal-amministrazzjoni li huwa wettaq tal-propjeta' tad-decujus Teresa Gatt.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut nomine fis-26 ta' Marzu 2018, fejn eccepixxa dan li gej:

Qieghed nikkontesta it-talba ta' l-attur ghaliex kif se jirrizulta matul il-kawza minn xiehda ta' qraba ta' l-istess attur kif ukoll minn dokumenti li se jigu prezentati aktar tard l-attur ma jirrizultax li kien ghamel snin prokuratur ta' Tereza Gatt, kif ukoll li kif se jirrizulta minn xiehda tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa u l-istess qraba ta' l-attur, l-istess attur kien ta' tfixkil kbir biex tinbiegh il-propjeta' li minnha l-istess Tereza Gatt kellha sehem kif ukoll ippretenda li jithallas minghand werrieta ohra ghax qal li kien zbarazza xi affarijiet mill-propjeta' liema talba kienet giet michuda mill-istess qraba. Barra minn hekk meta gie mitlub biex jipprezenta prokura u ricevuti biex isostni t-talba tieghu, huwa qatt ma ghamel dan.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-atturi qed jitolbu l-hlas ta' elfejn, disa' mija u dsatax-il Euro u sebgha u tmenin centezmu (€2,919.87) ghal hlas ta' servizzi ta' amministrazzjoi u ghal rifuzjoni ta' spejjez li ghamel fl-interess tal-gid ta' Teresa Gatt, illum mejta.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' l-attur[1], tan-Nutar John Cachia Zammit[2], id-dikjarazzjoni tal-konvenut[3], l-affidavit ta' Michelina Buttigieg[4], l-affidavit ta' Dr. Ruben Casingena, il-kontro-ezami ta' Michelina Buttigieg[5], u l-kontro-ezami ta' l-attur.

**L-attur** xehed illi beda jaghmilha ta' prokuratur ta' zitu Teresa Gatt fl-1977. Kien inqasam id-deheb li zitu kienet wirtet flimkien ma' hutha, zijietu l-ohra. Sehem zitu

[1] Fol. 23
[2] Fol. 32
[3] Fol. 38
[4] Fol. 45
[5] Seduta tal-11 ta' Lulju 2018

minn dan id-deheb kien trasferihomlha permezz tal-bank. Kien ukoll ihallas sehem zitu mic-cens lil Emanuel Buttigieg, wiehed miz-zijiet. L-attur kien imur ukoll minn zmien ghal zmien fid-dar taz-zijiet biex jikkontrolla li kollox sew, u gieli anke ghamel xi manutenzjoni ordinarja. Dan il-post eventwalment iniegh fis-sena 2017. It-talba ghall-hlas ghall-amminisrazzjoni l-attur ghamilha lill-konvenut tal-lum, bin Teresa Gatt, peress li din kienet diga' giet nieqsa. L-attur jghid li z-zija kienet weghditu li thallsu izda qatt ma thallas xejn. Il-konvenut ukoll kien qallu li 'jirrangaw kollox' meta jinbiegh il-post, izda l-post inbiegh, u baqa' ma thallasx. Dan il-kliem il-konvenut kien qalu xi ftit snin ilu meta kien gie Malta.

In-**<u>Nutar John Cachia Zammit</u>** xehed illi hu kien ghen lill-attur sabiex jikkwantifika t-talba tieghu ghall-hlas tax-xoghol li ghamel bhala prokuratur ta' Teresa Gatt, wara li l-attur kien kellmu dwar ix-xoghol li ghamel, urieh il-prokura ta' l-1977.

**<u>Il-konvenut</u>** prezenta dikjarazzjoni tieghu innifsu, li pero ma' jidhirx li hija konfermata bil-gurament, fejn irrefera ghal ittra li kien baghat l-attur lil ommu Teresa Gatt wara li kien tela' l-Awstralja ghalxejn, u li fiha l-attur kien esplicitu hafna, b'lingwagg li bih prova jitfa' r-responsabbilta' fuq zitu talli skond hu tellghatu l-Awstralja ghalxejn. L-attur fil-fatt din l-ittra kkonfermaha.

**<u>Michelina Buttigieg</u>** qalet li qatt ma taf li zewgha Emmanuel, illum mejjet, ircieva xi cens minghand l-attur. It-Tribunal izda ra fost ohrajn ir-ricevuta a fol. 48 tal-process li tkopri l-hlas tac-cens, dekontroll u spejjez ohra tad-dar 27, Triq Taltas, iz-Zejtun mill-1956 sal-1980. **<u>In-nutar Dr. Ruben Casingena</u>** esebixxa d-dikjarazzjoni causa mortis ta' Teresa Gatt, li saret mill-Avukat Lawrence Galea bhala prokuratur tal-konvenut binha.

Illi rrizulta lit-Tribunal illi l-attur ghamel xi xoghlijiet fl-interess ta' omm il-konvenut, Teresa Gatt, u dan partikolarment fil-fond ta' Triq Taltas, iz-Zejtun. Dan kien

jikkonsisti filli jivverifika minn zmien ghal zmien x'ikun ghaddejn fil-post u gieli anke ghamel xi manutenzjoni ordinarja. Jirrizulta wkoll u mhux kontestat illi l-attur kien irraprezenta lil zitu fil-bejgh tad-deheb li kienet wirtet minghand il-genituri taghha flimkien ma' hutha. Dawn is-servizzi inghataw fuq medda ta' tletin sena, u cioe' mill-1977, minn mindu inghatga prokura mill-istess zitu, sa l-2006.

Illi l-konvenut jikkontendi illi l-attur ma kienx verament prokuratur ta' ommu Teresa Gatt ghal dawk is-snin kollu, tant li hu kien ifixkel il-bejgh tal-propjeta' ta' Triq Taltas u lanqas biss fittex li jaghmel id-dikjarazzjoni causa mortis ta' l-istess Tereza Gatt.

Illi t-Tribunal jifhem illi ghalkemm l-attur wera ruhu f'xi waqtiet ftit difficli sabiex huwa u zitu jaslu ghal arrangament fuq dan il-fond, kif del resto jirrizulta mill-kontro-ezami tieghu, xorta jibqa' l-fatt illi rrenda dawn is-servizzi li semma. Huwa dejjem wera r-rieda li jithallas ghal dawn is-servizzi, tant li anke ma' zitu kien gieli tkellem dwar dan is-suggett, u zitu qatt ma qaltlu li m'ghandux dritt ghal hlas. Kien anke l-istess konvenut stess li qallu li kellhom jirrangaw kollox meta tinbiegh id-dar, u dan il-kliem ma giex kontestat mill-konvenut. Fuq kollox jipprevali l-principju li *omnia labor optat premium*, u minkejja li l-attur qed jitkellem dwar zitu, xorta hemm l-obbligu li jithallas ta' xoghlu, iktar w iktar meta wiehed jikkonsidra li din lanqas biss kienet Malta.

Illi t-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi s-somma mitluba, li fil-verita' tirrapprezenta inqas minn mitt Euro (€100) ghal kull sena kemm dam prokuratur ta' zitu, hija gustifikata u t-talbiet ta' l-attur jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, jilqa' t-talbiet tal-atturi u jordna lill-konvenut

nomine jhallas lill-istess atturi s-somma ta' elfejn, disa' mija u dsatax-il Euro u sebgha u tmenin centezmu (€2,919.87) bl-imghax mil-lum sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez jithallsu mill-konvenut nomine.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur